

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 477/2014**tat-12 ta' Mejju 2014****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li għandhom jiżiedu persuni u entitajiet addizzjonali mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 269/2014.
- (3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-persuni u entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

ANNEX

Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Vyacheslav Viktorovich VOLODIN	Imwieled fl-4 ta' Frar 1964 f'Alekseevka, reġjun ta' Saratov.	L-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tar-Russja. Responsabbli mis-superviżjoni tal-integrazzjoni politika tar-reġjun Ukrain tal-Krimea anness fil-Federazzjoni Russa.	12.5.2014
2.	Vladimir SHAMANOV	Imwieled fil-15.02.1954 f'Bar-naul.	Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil-pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu huwa responsabbli mill-iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea.	12.5.2014
3.	Vladimir Nikolaevich PLIGIN	Imwieled fid-19.05.1960 f'Ignatovo, Vologodsk Oblast, USSR.	President tal-Kumitat tal-Liġijiet Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli mill-ipproċessar ta' leġislazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa.	12.5.2014
4.	Petr Grigorievich JAROSH		Aġent Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għall-Krimea. Responsabbli mill-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passporti Russi għar-residenti tal-Krimea.	12.5.2014
5.	Oleg Grigorievich KOZYURA	Imwieled fid-19.12.1962 f'Zaporozhye	Aġent Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbli mill-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passporti Russi għar-residenti tal-Krimea.	12.5.2014
6.	Viacheslav PONOMARIOV		Sindku awtodikjarat ta' Slaviansk. Ponomarev appella lil Vladimir Putin biex jibgħat truppi Russi biex jiproteġu l-belt u aktar tard talbu jipprovdi l-armi. Innies ta' Ponomarev huwa involuti fil-ħtif ta' persuni (huma qabdu l-ġurnalist Ukrain Irma Krat u Simon Ostrovsky, ġurnalist għal Vice News, aktar tard dawn it-tnejn ġew rilaxxati, huma żammew maqbuda l-osservaturi militari li kienu qed jaġixxu taħt id-Dokument ta' Vjenna tal-OSKE).	12.5.2014
7.	Igor Mykolaiovych BEZLER	Imwieled fl-1965	Wieħed mill-mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tal-Uffiċċju tal-Ukraina għas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni fir-rahall ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Ihor Strielkov li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka skont l-SBU.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Igor KAKIDZYANOV		Wieħed mill-mexxejja tal-forzi armati tar-“Repubblika Popolari ta’ Donetsk” awtoproklamata. L-għan tal-forzi huwa li “jipproteġu l-poplu tar-Repubblika Popolari ta’ Donetsk u l-integrità territorjali tar-repubblika” skont Pushylin, wieħed mill-mexxejja tar-“Repubblika Popolari ta’ Donetsk”.	12.5.2014
9.	Oleg TSARIOV		Membri tar-Rada. Appella pubblikament għall-ħolqien tar-Repubblika Federali tan-Novorossia, magħmula mir-reġjuni Ukraini tax-Xlokk.	12.5.2014
10.	Roman LYAGIN		Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-“Repubblika Popolari ta’ Donetsk”. Organizza b’mod attiv ir-referendum fil-11 ta’ Mejju dwar l-awtodeterminazzjoni tar-“Repubblika Popolari ta’ Donetsk”.	12.5.2014
11.	Aleksandr MALYKHIN		Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-“Repubblika Popolari tal-Lugansk”. Organizza b’mod attiv ir-referendum fil-11 ta’ Mejju dwar l-awtodeterminazzjoni tar-“Repubblika Popolari tal-Lugansk”.	12.5.2014
12.	Natalia Vladimirovna POKLONSKAYA	Imwiilda fit-18.03.1980 f’Eupatoria.	Prosekutur tal-Krimea. Implementat b’mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja.	12.5.2014
13.	Igor Sergeievich SHEVCHENKO		Aġent Prosekutur ta’ Sevastopol. Implementa b’mod attiv l-annessjoni ta’ Sevastopol mir-Russja.	12.5.2014

Entitajiet:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	PJSC CHERNOMORNEFTEGAZ		Fis-17.03.2014 il-“Parlament tal-Krimea” adotta rizzoluzzjoni li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li jappartjenu għall-intrapriża Chernomorneftegaz fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża b’hekk hija kkonfiskata b’mod effettiv mill-“awtoritajiet” tal-Krimea.	12.5.2014
2.	FEODOSIA		Fis-17.03.2014 il-“Parlament tal-Krimea” adotta rizzoluzzjoni li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li jappartjenu għall-intrapriża Feodosia fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża b’hekk hija kkonfiskata b’mod effettiv mill-“awtoritajiet” tal-Krimea.	12.5.2014